6 ta' Ġunju, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolina Axiaq *versus* Joseph Vella Gera, M.B.E., ne.

**Rekwiżizzjoni — Atti "Jure Imperii" — "Lands" — Section 52, Malta Defence Regulations 1939 — Protection Officers' Regulations 1942 — Government Notice 632 ta' l-1939.**

*Il-ħruġ ta' "requisition order" huwa att "jure imperii", u bħala tali l-Qrati ma jistgħux ħlief jaraw jekk ġiex maħruġ skond il-liġi u bil-formalitajiet kif imiss. Dwar l-espedjenza tiegħu l-Qrati ma jistgħux jindaħlu.*

*Is-setgħa tar-rekwiżizzjoni taħt l-art. 52 tal-Malta Defence Regulations tista' tiġi eżerċitata mhux biss in riferenza għal "lands" li huma "unoccupied", imma anki għad dawk li huma "occupied"; a differenza tar-rekwiżizzjoni li ssir taħt il-Protection Officers' Regulations 1942. Jekk imbagħad dik is-setgħa tiġix eżerċitata preferibilment f'każ wieħed milli f'ieħor, hija kwistjoni ta' spedjenza li*

*ma hix kontrollabili mill-Qrati u tmiss insindakabilment lill-Poter Amministrattiv.*

*Ghalhekk mhux ta' ostakolu kontra rekwiżizzjoni maħruġa taħt il-Malta Defence Regulations il-fatt li meta ġiet maħruġa r-rekwiżizzjoni l-post kien ġà mikri lil ħaddiehor. U lanqas il-fatt li dak il-post kien ser jiġi użat għal skopijiet kummerċjali, għax bil-Government Notice 632 ta' l-1939 il-kelma "lands" ġiet imfissra bħala li tikkomprendi mhux biss djar fis-sens ta' djar ta' l-abitazzjoni, imma kull xorta ta' bini.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet illi l-konvenut nomine baghtilha fil-5 ta' Diċembru 1945 "requisition order" fuq id-dar numru 1, Hal Bajjada Street, Rabat (dok. A), b'ordni li hija tikkonsenja lill-konvenut nomine ċ-ċwievet ta' l-istess dar "immediately on receipt of keys"; illi d-dar in kwistjoni kienet diġà ġiet mikrija lil Carmelo Spiteri b'kirografu tat-12 ta' Lulju 1945 a skop kummerċjali mill-attriċi (dok. B); illi l-konvenut nomine kien ġie nfurmat mill-attriċi li d-dar kienet mikrija b'ittra mibgħuta lilu fis-26 ta' Lulju 1945 (dok. C); illi l-kerrej Carmelo Spiteri kien diġà ħallas tliet xhur kera u kien jinsisti biex l-attriċi tikkonsenjalu ċ-ċwievet biex ikun jista' jieħu pussess tal-fond malli jkun ħareġ min kien hemm qabel fil-post u li kontra tiegħu kien diġà ħareġ mandat ta' żgumbrament; illi ċ-ċwievet ġew konsenjati mill-attriċi lill-imsemmi Carmelo Spiteri biex tadempixxi l-obligu tagħha skond l-obligazzjoni fuq imsemmija, u dana malli ġew lilha konsenjati ċ-ċwievet ta' l-istess fond; u illi l-konvenut nomine għadu jippretendi u jinsisti biex l-attriċi tikkonsenjalu ċ-ċwievet ta' l-istess fond, tant li l-attriċi ġiet imħarrka kriminalment għax naqset milli tikkonsenja fiż-żmien stabbilit l-imfietaħ fuq imsemmija, liema kawża kriminali hija appuntata għall-11 ta' Marzu 1946; u talbet li (1) jiġi dikjarat minn dina l-Qorti illi l-fond in kwistjoni kien diġà mikri lill-imsemmi Carmelo Spiteri qabel ma l-konvenut nomine ħareġ ir-"requisition order" fuq imsemmija tal-5 ta' Diċembru 1945, u li l-konvenut nomine kien jaf b'dina l-kirja, (2) li jiġi dikjarat u deċiż li konsegwentement ir-"requisition order" fuq imsemmija hija nulla u bla effett legali, għaliex maħruġa fuq fond diġà mikri, u (3) konsegwentement jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti li hija, ċjoè l-attriċi, ma għandha ebda obligu li tikkon-

senja l-imfietah tal-fond fuq imsemmi lill-konvenut nomine. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li jibqa' mharrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda timpunja l-validità tar-"requisition order" maħruġ fuq id-dar imsemmija fiċ-ċitazzjoni, ta' proprjetà tagħha, fil-5 ta' Diċembru 1945. Dan hu eżibit fol. 5 tal-proċess;

Illi qabel kien inħareġ "requisition order" ieħor fuq l-istess dar, jiġifieri fil-21 ta' Lulju 1945 (dak fol. 18); imma in vista tal-proċeduri definiti bis-sentenza tar-Rent Regulation Board tal-24 ta' Settembru 1945, u b'dik tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Diċembru 1945, dan l-"order" ġie ritirat, u ma għandux aktar x'jaqsam f'din il-kawża;

Illi hu paċifiku fil-ġurisprudenza illi l-ħruġ ta' "requisition order" jikkostitwixxi att "jure imperii", u bħala tali l-Qrati jistgħu biss jaraw jekk ġiex maħruġ skond il-liġi u bil-formalitajiet li jmiss. Dwar l-espedjenza tiegħu ma jistgħux jindaħlu;

Illi l-attriċi qiegħda tattakka l-legalità ta' l-"order" għaliex meta nħareġ, il-fond kien ġà mikri lil Carmelo Spiteri għal skop kummerċjali;

Illi, kif jidher mill-"order" stess fol. 5, dan ġie maħruġ taħt ir-Regulation 52 tal-Malta Defence Regulations 1939. Din ir-regulation tirriferixxi għat-teħid ta' possess ta' "lands", u fiha—għad-differenza tar-regolament numru 11 (1) tal-Protection Office Regulations 1942—ma ġietx użata l-kelma "unoccupied"; u għalhekk ġie dejjem u ripetutament ritenut illi s-setgħa tar-"requisition" taħt ir-Regulation 52 tal-Malta Defence Regulations tista' tiġi eżerċiatata mhux biss in riferenza għal "lands" mhux "occupied", imma anki għal dawk li huma "occupied". Jekk imbagħad tiġix eżerċitata preferibilment f'każ wieħed milli f'ieħor, hi kwistjoni ta' spedjenza li ma hijiex kontrollabili mill-Qorti u tmiss insindakabilment lill-Poter Amministrativ;

Illi għalhekk, ankorkè l-post kien ġie mikri lil Carmelo Spiteri bl-iskrittura fol. 6, il-konvenut nomine kellu dejjem il-jedd li jirrekwiżizzjonah;

Illi ma hux ta 'ostakolu lanqas il-fatt, ankorkè veru, illi Spiteri kien sejjer juża l-fond għal skopijiet kummerċjali. Anki hawn, ebda distinzjoni ma jagħmel ir-regolament fuq imsemmi. Il-kelma użata hija "lands". Bl-emenda tal-Government Notice 632 ta' l-1939 il-kelma "lands", ġiet imfissra bħala li tikkomprendi mhux biss djar fis-sens ta' djar għall-abitazzjoni, imma kull xorta ta' bini. "Land", intqal difatti, "includes messuages, tenements, houses, and buildings, and parts of houses and buildings, and also land covered with water";

Illi ma hux kontrastat, kwantu għall-forma, illi l-"order" ġie maħruġ mill-awtorità li lilha jmiss. Il-konvenut nomine fix-xhieda tiegħu, fol. 15 tergo, qal illi l-"order" in kwistjoni ġie notifikat tant lill-attriċi kemm lil Carmelo Spiteri. Seta' anki ġie notifikat lill-attriċi biss, għaliex Spiteri, ankorkè kien il-kerrej, qatt ma kien l-"occupier", mentri l-liġi (reg. 52 (3) Malta Defence Regulations 1939) issemmi l-"owner" u l-"occupier". Meta fi Frar ta' l-1946 (ara xhieda ta' l-attriċi fol. 14) kellha f'idejha ċ-ċwievet tal-post, lilha mogħtija mill-marixxall, kien qiegħed iseħħ ir-"requisition order" tal-5 ta' Diċembru 1945, li jmissu ġie obdut;

Illi konsegwentement ma hemm ebda ħaġa fl-"order" "legi non consona", la fis-sustanza u lanqas fil-forma;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi teskludi lill-attriċi mill-istanzi proposti bl-ispejjeż kontra tagħha.

---